MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 100/7

It-Tlieta 06 ta' Marzu 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-7.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

Preżenti wkoll:

Is-Sur Joe Borg – Direttur Maniġerjali tan-Nexos Street Lighting – kuntrattur li jipprovdi s-servizz dwar manutenzjoni tad-dawl tat-toroq.

AĠENDA

100.1 Dawl madwar l-istatwi rispettivi fil-pjazza u dawl ieħor fil-Gudja

100.2 Tmiem tal-laqgħa.

---------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-7.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**100.1.0** **Dawl madwar l-istatwi rispettivi fil-pjazza u dawl ieħor fil-Gudja**

100.1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku ta tagħrif dwar it-talba għal din il-laqgħa msejħa b'urġenza peress li d-dawl dwar l-istatwi tal-pjazza jew kinux qed jiddawlu jew d-dawl ma kienx sodisfaċenti.

Is-Sindku stieden lil Viċi Sindku s-Sur Baldacchino sabiex jispjega lill-Kunsill dwar dak li ħadem dawru flimkien mal-kuntrattur responsabbli dwar il-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq fil-Gudja.

100.1.2 Is-Sur Baldacchino stqarr li wara l-laqgħa tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 2018, huwa kellu laqgħa mas-Sur Joe Borg fejn il-problema eżistenti ġiet diskussa u eżaminata fl-akbar dettall.

Is-Sur Baldacchino qal li meta kien hemm deċiżjoni dwar *spot light* din kienet soluzzjoni bi prova iżda tidher li fil-fatt din ma kinitx soluzzjoni. Għalhekk waqt din il-laqgħa hekk imsejħa b'urġenza l-Kunsill flimkien mal-kuntrattur kellu jsib soluzzjoni u li jsir pjan maħdum flimkien sabiex dawn l-istatwi fil-pjazza jiġu mdawla kif jixraq.

NOTA F'dan l-istadju s-Sindku, bl-approvazzjoni unanima ta' dawk kollha preżenti, stieden lis-Sur Joe Borg sabiex jindirizza lill-Kunsill.

Sar qbil ukoll li d-diskors ma jiġix imxandar u wkoll ngħalaq s-*sound* tal-*live streaming*.

100.1.3 Is-Sur Baldacchino qal li l-problema fis-sistema tad-dawl madwar l-istatwi ilha tagħti problema u dan peress li ma hemmx l-ventilazzjoni meħtieġa u din lanqas hija possibbli.

Din is-sistema ilha madwar 8 snin u saru bosta tiswijiet u bdil tal-bozoz li kien ta' spiża konsiderevoli u r-riżultat ma kienx dak mixtieq peress li ħafna drabi d-dawl kien qed jinqata' spiss u dan ftit wara li jkun sar il-manutenzjoni u bdil fil-lampi.

Is-Sur Borg qal kien għalhekk li huwa ħass li kellu jitlob lill-Kunsill sabiex flimkien nippruvaw għal xi bdil li tista' ddawwal l-istatwi aħjar.

Is-Sur Borg qal li fis-sistema tal-*metal halide* wriet li l-fittings isaddu ħafna minħabba l-*condensation* u meta tqis li dawn il-bozoz jiswew bejn €270 u €300 –il waħda, din hija spiża konsiderevoli meta dawn il-bozoz kienu qed jinqatgħu ta' spiss.

Is-Sur Borg qal li meta nfetħet bozza qrib l-istatwa ta' Santa Marija, instab li ġo fiha kien hemm fdal tal-birra.

Is-Sur Borg qal li dak li ġara dwar id-dawl fl-art madwar l-istatwi fil-pjazza tal-Gudja ġara l-istess fis-sistema simili li ddawwal l-arkati tal-Akkwadott fl-Imrieħel/Santa Venera.

Is-Sur Borg qal li soluzzjoni tista' tkun li jsir bħalma kien issir żmien ilu billi ssir xi ħaġa mgħottija b'*cover* ta' pjanċa jew ġebel simili bħalma hemm fuq Kastilja.

Is-Sur Baldacchino qal li dwar dan sabiex iddawwal wiċċ l-istatwa tal-Madonna u ta' San Ġużepp ikun hemm il-ħtieġa ta' kurduna li tiżdied f'parti madwar il-kurduna preżenti u li din issir f'forma ovali.

Is-Sur Borg qal li s-*serje light* saret wara l-ħadid sabiex dan id-dawl jiġi mwarrab mill-qrib li jista' jkun ta' periklu għall-pubbliku.

100.1.4 Is-Sur Caruana stqarr li t-trinka u xi xogħol ieħor fl-opinjoni tiegħu għamel ħsara meta sar intervent f'ġebla antika.

Is-Sur Caruana qal li huwa jifhem li hemm xogħol diffiċli iżda huwa kien qed jipproponi sistema ta' LED li tista' ddawwal aħjar.

Is-Sur Borg qal li LED irid ikun hemm sistema ta' *surge arrestor* u lanqas hawn ma wieħed jista' iserraħ rasu li se jkun hemm dawl bla interruzzjoni.

Is-Sur Caruana stqarr li d-dawl madwar l-istatwi għandu jlaħħaq madwar kull angolu.

Is-Sur Fenech stqarr li jekk titkabbar il-kurduna tista' toħloq ostakolu għat-traffiku billi tingħalaq parti mit-triq.

Is-Sur Baldacchino qal li ż-żieda fil-kurduna tista' issir f'forma ovali.

Dwar is-Salib tidher li hemm aktar problema għat-traffiku iżda hemm anqas problema ta' kif iddawwal.

100.1.5 Kien hemm diskussjoni estensiva dwar kif l-aħjar jista' jsir ix-xogħol u l-istatwi jiddawlu aħjar bl-anqas spiża ta' manutenzjoni.

Il-Kunsill ikkonsidera illi l-prova li l-istatwa ta’ Santa Marija tiddawwal b’sistema ta’ *reflector* ħolqot inkonvenjent għar-residenti tal-madwar u għalhekk ma kinitx soluzzjoni kif mixtieqa.

100.1.6 F’dan l-istadju l-Kunsill qabel li jkun għaqli li d-diskussjoni tkompli fuq il-post cioè fil-pjazza madwar l-istatwi.

L-isfidi u l-problemi sabiex kemm l-istati ta’ Santa Marija u dik ta’ San Gużepp kif ukoll tas-Salib ġew konsiderati u fiċ-ċirkustanzi preżenti jidher li l-aħjar sistema tkun sistema ta’ dawl fl-art li tkun tiflaħ għal umdità.

Il-Kunsill iddeċieda li l-kuntrattur jipprovdi lill-Kunsill *sample* u dettalji ta’ bozza li l-aħjar taqdi lill-Kunsill sabiex iddawwal l-istatwi kif meħtieġ.

Meta din il-bozza tiġi approvata, il-Kunsill ikun jista’ jaġixxi billi l-kuntrattur jibda billi jpoġġi s-sistema madwar l-istatwa ta’ San Ġużepp. Wara l-esperjenza li l-Kunsill ikollu dwar din is-sistema, il-Kunsill ikun jista’ jiddeċiedi aħjar dwar l-istatwa ta’ Santa Marija u s-Salib.

Sar qbil li d-dawl preżenti fuq Santa Marija għandu jiġi aġġustat li ma jagħtix fastidju jew inkella jinqala’.

**100.2.0 Tmiem tal-laqgħa**

100.2.1 Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa ġiet eżawrita, is-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.70pm sine die.

Konfermati, illum ________________________

| | |
|---|---|
| John Mary Calleja<br>Sindku | Ranier Busuttil<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |